SANTA LUĊIJA

# LAQGĦA TAL-LOKALITA` - 2012

**DATA: Is-Sibt, 28 ta' Jannar 2012** **ĦIN: 9.00a.m.**

Il-Laqgħa tal-Lokalita` saret fil-Librerija Pubblika.

Attendew għal-laqgħa: Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan, il-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`, is-Segretarju Eżekuttiv Caroline Silvio u l-Uffiċċjal Eżekuttiv Claudia Costantino flimkien ma' numru ta' residenti.

## 1. MERĦBA MIS-SINDKU

Is-Sindku, filwaqt li sellem lil dawk preżenti u tagħhom merħba, stqarr li din il-laqgħa pubblika kienet qed issir kif provdut fl-Att tal-Kunsilli Lokali.

## 2. RAPPORT AMMINISTRATTIV

Is-Sindku għadda biex qara u spjega r-rapport amministrattiv li ġie ppreparat mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011. Fost l-aktar affarijiet importanti li ssemmew insibu:

- Proġetti tal-Kunsill
- Toroq
- Ġonna u faċilitajiet rikreattivi
- Attivitajiet u inizjattivi tal-Kunsill 2011

Kopja ta' dan ir-rapport qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

## 3. PJAN TA' ĦIDMA GĦAS-SENA 2012

Is-Sindku qara pjan ta' ħidma li l-Kunsill għandu għas-sena 2012. Huwa spjega fid-dettall il-punti kollha li hemm imsemmija f'dan ir-rapport li kopja tiegħu qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti. Fost dawn insibu:

- Allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2012
- *Resurfacing* ta' toroq
- Skemi ta' l-Awtorita' tad-Djar
- Proġetti
- Impenn lejn il-komunita'.

**Nota: Waqt il-qari tar-Rapport Amministrattiv u l-Pjan ta' Ħidma ttellgħat *power point presentation* tal-punti prinċipali ta' dawn iż-żewġ rapporti.**

## 4. KUMMENTI U SUĠĠERIMENTI TAR-RESIDENTI

### *4.1 Is-Sur Emanuel Cutajar*

Is-Sur Cutajar irringrazzja lil Kunsill tal-ħidma siewja li jwettaq. Huwa semma l-iskema ta' l-Awtorita' tad-Djar dwar il-manutenzjoni tal-komun u qal li għandu ħsara fit-tromba li ma tistgħax tistenna.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li għal ħsarat fit-tromba tal-bejt jidher li hemm skema oħra u filfatt diġa sar xi xogħol taħt din l-iskema fi blokk f'Santa Luċija. Huwa qal li l-Kunsill wassal lil Awtorita' kull rapport li daħal il-Kunsill dwar strutturi perikolużi.

### *4.2 Is-Sur Frans Scerri*

Is-Sur Scerri rrefera għal proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita' u ppropona li waqt li jkun qed isir ix-xogħol mill-esperti Ċiniżi l-Kunsill jitfa' persuna biex tara kif isir ix-xogħol ħalli wara li jitlesta dan il-proġett, il-ġnien ikun jista' jinżamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

Is-Sur Scerri qal ukoll li hemm bżonn ta' tindif u manutenzjoni ta' l-*area* ħdejn Triq il-Fuxa u Triq iċ-Ċinerarja. Huwa għamel referenza wkoll għall-problema tat-traffiku fil-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill *Roundabout* fil-ħinijiet ta' bejn is-6.30a.m u s-7.30a.m.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku semma s-suġġeriment tas-Sur Scerri fir-rigward tal-Ġnien Ċiniż. Huwa qal li l-Kunsill jaħdem biss bil-kuntratturi u l-unika staff li għandu l-Kunsill huwa dak amministrattiv. Semma wkoll lil ħaddiem li kellu assenjat miegħu l-Kunsill mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet li issa reġgħu għajtulu fid-Dipartiment. Huwa qal li dan il-bniedem kien jagħmel kull ma kien hemm bżonn u l-Kunsill illum qed ikollu jħallas għal servizzi li qabel kienu jsiru minn dan l-individwu.

Fir-rigward ta' xogħol ta' manutenzjoni u tindif taċ-ċanet huwa qal li l-Kunsill għaddej bi programm ta' xogħol matul is-sena kollha. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill għandu kuntratt għal dan ix-xogħol bi tnejn min-nies li jridu jlaħħqu ma' Santa Luċija kollha nkluż il-Ġnien Ċiniż.

Dwar il-problema tal-ħruġ minn Santa Luċija s-Sindku qal li llum il-Kunsill lanqas għad għandu d-delega fuq l-infurzar lokali għax din issa ingħatat lir-Reġjuni. Is-Sindku qal li mindu saret il-konferenza stampa mill-Kunsill jidher li

kull filgħodu qed ikun hemm pulizija tat-traffiku f'din l-*area*. Il-Viċi Sindku qal li mindu qed ikun hemm pulizija filgħodu t-traffiku qed jiġi kkontrollat tajjeb.

### 4.3 Is-Sur Joseph Bondin

Is-Sur Bondin irrefera għall-iskema ta' l-Awtorita' tad-Djar u għal ftehim li l-Awtorita' ser tagħmel ma' l-amministraturi. Huwa staqsa meta ħa jidħol fis-seħħ dan il-ftehim.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal lis-Sur Bondin biex iċempel lil Awtorita' tad-Djar dwar dan.

### 4.4 Is-Sur Siro Camilleri

Is-Sur Camilleri rrefera għall-attivitajiet li ttellgħu fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju tal-lokalita' ta' Santa Luċija. Huwa qal li xtaq jirringrazzja lil Kappillan Father Ivan Scicluna tal-koperazzjoni u lil Joy Gospel Singers u lil Angelic Voices kif ukoll it-talent lokali li ħa sehem f'din l-okkażjoni hekk importanti. Huwa rringrazzja lil Kunsill tal-fiduċja li għandu fih u ta' l-għoti ta' Ġieħ Santa Luċija.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku ngħaqad mas-Sur Camilleri fir-ringrazzjamenti tiegħu u qal li xtaq isellem lil Father Ivan ta' l-impenn tiegħu bħala Kappillan u fit-tmiem ta' din il-kariga rringrazzjaħ f'isem il-komunita' ta' Santa Luċija. Is-Sindku rringrazzja wkoll lis-Sur Siro Camilleri tax-xogħol bla waqfien li hu jagħmel b'mod volontarju mal-Kunsill u l-komunita' ta' Santa Luċija.

### 4.5 Is-Sinjura Catherine Polidano

Is-Sinjura Polidano wriet apprezzament għal *fitness classes* li ġew organizzati mill-Kunsill b'mod partikolari dawk li kienu jikkonċernaw it-tfal. Hija semmiet il-proġett li ser isir fi Ġnien is-Serenita' u pproponiet li x-xogħol speċjalizzat jista' jiġi segwit mill-istudenti ta' l-MCAST jew mill-ETC biex b'hekk ħaddiema Maltin jitħarġu ma' dawk Ċiniżi.

Saret referenza għax-xogħol fuq tindif u żamma ta' ġonna u qalet li dan is-servizz jista' jkun aħjar. Semmiet il-klieb li jitħallew iħammġu fil-ħamrija u ssuġġeriet li jsiru *barriers* tal-ħadid madwar iċ-ċanet. Hija qalet li l-ħmieġ fiċ-ċanet iktar jinkoraġġixxi lil min iħammeġ.

Fir-rigward tal-proġett ta' *underground reservoir* f'Masġar Karl Chircop hija saħqet dwar l-importanza li jkun hemm *filters* biex il-karti u materjal ieħor li jkun hemm fit-toroq ma jibqgħax nieżel fir-*reservoir*.

Dwar il-ħruġ minn Santa Luċija hija kkummentat li jkun hemm pulizija tat-traffiku li jaġixxu u oħrajn kemm ikunu preżenti biss. Hija ssuġġeriet li jsiru aktar *traffic signs* fit-toroq.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li s-suġġerimenti tas-Sinjura Polidano ser jingħataw l-attenzjoni meħtieġa.

### *4.6 Is-Sur Emanuel Scicluna*

Is-Sur Scicluna rrefera għal problema tal-ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill *Roundabout*. Huwa qal li waħda mill-problemi hi li ħadd mis-sewwieqa ma jixgħel *indicator* biex juri d-direzzjoni fejn sejjer. Huwa ssuġġerixxa li jsir *slogan* edukattiv – 'Uri fejn sejjer, uża l-*indicator*'.

Fir-rigward tas-servizz tat-trasport pubbliku s-Sur Scicluna lmenta li r-rotta 83 mhix imniżżla fuq il-*bus stops*. Huwa qal ukoll li hemm bżonn isir xi ħaġa fuq il-karrozza ta' l-isptar biex twassal il-passiġieri quddiem l-isptar u mhux kif inhi bħalissa.

***Tweġiba tas-Sindku***

Is-Sindku qal li nnota s-suġġeriment u l-ilment tas-Sur Scicluna u l-Kunsill ser ikun qed jaħdem fuqhom.

## 5. GĦELUQ TAL-LAQGĦA

Fl-aħħar parti ta' din il-laqgħa l-membri tal-Kunsill indirizzaw li dawk preżenti kif ġej:

### *5.1 Il-Kunsillier Joseph Bonello*

Is-Sur Bonello rringrazzja lil komunita' ta' Santa Luċija u appella għal koperazzjoni fis-sevizz ta' ġbir ta' skart.

### *5.2 Il-Kunsiliera Caroline Galea*

Is-Sinjura Galea kompliet ma' dak li qal is-Sur Bonello fir-rigward tas-servizz ta' ġbir ta' skart. Hija qalet li għandna lokalita' sabiħa u huma ħafna dawk li juru x-xewqa li jiġu joqgħodu f'Santa Luċija. Hija żiedet tgħid li din il-lokalita' hija post żgħir u maniġabbli iżda l-Kunsill ma jistgħax jasal mingħajr il-koperazzjoni ta' kulħadd. Hija qalet li min-naħa tiegħu l-Kunsill ser jibqa' jinsisti mal-kuntrattur biex jiġi fil-ħin.

### *5.3 Paulette Gafa`*

Il-Kunsilliera Gafa` rreferit għal-lokalita’ ta’ Santa Luċija bħala waħda mill-isbaħ li hawn u tista’ titqies bħala l-pulmun tas-*south* ta’ Malta. Hija ħeġġet lin-nies biex jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Kunsill li min-naħa tiegħu jipprova jkun proattiv għal bżonnijiet kollha tar-residenti. Is-Sinjorina Gafa` rringrazzjat lil komunita’ ta’ Santa Luċija ta’ l-opportunita’ li tkun f’dan il-Kunsill li fih trawmet u tgħallmet.

### *5.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Balzan*

Is-Sur Balzan qal li dan l-aħħar ma kienx qed jagħmel attivitajiet peress li kien ma jiflaħx. Huwa tkellem dwar il-manutenzjoni li qed issir fil-blokki tal-Gvern u saħaq dwar kemm kien hemm bżonnha din il-manutenzjoni. Huwa tkellem fuq il-*lifts* u qal li kienu saru tnejn qabel l-elezzjoni u ma sarux aktar. Huwa semma blokk partikolari u qal li dan huwa l-għar blokk u semma li xi resident f’dan il-blokk il-ħin kollu jarmi boroż tal-ġebel barra fit-triq minflok jiddisponi minnhom kif suppost. Fir-rigward tal-problema tal-ħruġ minn Santa Luċija huwa qal li l-Kunsill ser għamel *press conference* biex jiġbed l-attenzjoni ta’ l-awtroritajiet fuq din il-problema.

### *5.5 Is-Sindku s-Sur Frederick Cutajar*

Is-Sur Cutajar irringrazzja lil Viċi Sindku u l-Kunsilliera għas-sapport li kontinwament itugħ fit-tħaddiem ta’ *policies* tal-Kunsill. Huwa rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha u qal li l-Kunsill ta’ Santa Luċija huwa wieħed mill-aħjar Kunsilli f’dik li hija amministrazzjoni. Huwa qal li minkejja l-entużjażmu li jkollhom il-Kunsillieri biex jaqgħdu lir-residenti, il-Kunsill irid joqgħod attent ħafna biex jimxi mal-liġi u l-proċeduri stabbiliti tal-Kunsilli Lokali.

Is-Sindku għalaq il-laqgħa billi sellem lill-Kappillan u rringrazzjaħ tal-koperazzjoni tiegħu. Huwa feraħ lil istess Father Ivan għal ħatra tiegħu bħala Arċipriet ta’ l-Isla.

## 6. TMIEM

Il-laqgħa ntemmet fil-11.00a.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum it-Tnejn, 13 ta' Frar 2012**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**